Older Australian Government

BE COVIDSAFE

# Linja Telefonika ta’Sapport tal-Persuni Anzjani rigward COVID-19

26 June 2020

Il-Linja Telefonika ta' Sapport tal-Persuni Anzjani rigward COVID-19 tinforma, tissapportja  u tikkonnettja  Awstraljani anzjani.

Xi nies anzjani huma vulnerabbli għal COVID-19 iżda huma inqas konnessi mal-internet u fil-bżonn
ta' modi kif jiksbu informazzjoni fiċ-ċirkostanzi tagħhom. Il-Linja Telefonika ta' Sapport tal-Persuni Anzjani rigward COVID-19 tipprovdi informazzjoni u sapport.

Awstraljani anzjani, il-familji tagħhom, ħbieb u l-kerers (dawk li jieħdu ħsiebhom) jistgħu iċemplu LINJA TELEFONIKA BLA ĦLAS (FREECALL) fuq 1800 171 866 jekk:

- jixtiequ jitkellmu ma' xi ħadd dwar ir-restrizzjonijiet COVID-19 u l-impatt tagħhom fuqhom
- iħossuhom weħedhom jew imħassbin dwar il-maħbub/a
- jieħdu ħsieb xi ħadd u jeħtieġu xi informazzjoni jew xi ħadd biex jitkellmu magħha
- għandhom bżonn għajnuna jew parir dwar kif ibiddlu s-servizzi tal-kura tal-anzjani li qed jirċievu
- jeħtieġu għajnuna biex jiksbu servizzi ġodda ta' kura  jew provvisti essenzjali bħal xiri
- għandhom tħassib dwarhom infushom, ħabib jew membru tal-familja li jgħixu bid-Dementia
- jixtiequ li jkunu ċċekkjati darba  kultant jew regolarment rigward il-benesseri tagħhom jew ta’ xi ħadd ieħor.

Awstraljani anzjani, il-qraba, il-kerers, il-ħbieb tagħhom u dawk li jagħtuhom sapport jistgħu:

- iċemplU **1800 171 866**
- mit-8.30am – sas-6pm AEST matul il-ġranet tax-xogħol
- għal kwalunkwe informazzjoni jew servizzi li jista' jkollhom bżonn.

Il-Linja Telefonika ta’ Sapport tal-Persuni Anzjani rigward COVID-19 hija inizjattiva konġunta ta ':

- COTA Australia,
- Dementia l-Awstralja,

- Anzjani Nazzjonali u
- OPAN,
- issapportjata mill-finanzi tal-Gvern Awstraljan.

## Sapport tas-Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (TIS)

Awstraljani anzjani li ma jitkellmux bl-Ingliż jistgħu:

- iċemplu TIS Nazzjonali fuq 131 450,
- jitlob interpretu, u
- jitolbu li tkun imqabbad mal-Linja Telefonika ta' Sapport tal-Persuni Anzjani rigward COVID-19 JEW jikkwotaw in-numru tat-telefon 1800 171 866 biex ikunu mqabbda.